# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 195/08/1 SM**

**Antoine u Claudine konjugi Xerri**

**v.**

**Bartolomeo sive Robbie u Antoinette konjugi Debono**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-atturi miżżewġin Xerri minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ottubru, 2016 li permezz tagħha (i) laqgħet f'parti t-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' €3,511.10, bl-imgħax mill-10 ta' Ottubru, 2004 sad-data tal-ħlas effettiv rappreżentanti bilanċ riżultanti minn

kostituzzjoni ta' debitu; (ii) iddikjarat lill-konvenuti responsabbli biex iħallsu lill-atturi ċ-ċitazzjonijiet tat-traffiku mħallsa minnhom u llikwidat l-ammont ta' €1,409.05, bl-imgħax mit-22 ta' Frar, 2008 u kkundannat lill-konvenuti jħallsu dan l-ammont. Għal dik li hija l-kontrotalba, il-Qorti laqgħet biss it-tieni u t-tielet talbiet u mill-bqija ċaħdet il-bqija tat-talbiet. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**Daħla**

2. Illi permezz ta' rikors maħluf imressaq fit-22 ta' Frar, 2008, l-atturi fissru li fl-20 ta' Frar, 2004, Antoine Xerri kien ħallas bilanċ dovut mill-konvenut Robbie Debono lill-kumpanija Burmarrad Commercials Limited fl-ammont ta' Lm6,815.42, u pagament ta' Lm74.58, komplessivament ammontanti għal Lm6,890.00. Din is-somma ekwivalenti għal €16,048. Jgħidu li dan sar fuq talba tal-konvenut u bil-kundizzjoni speċifika li l-konvenut iħallas lura dan l-ammont sad-19 ta' Frar, 2007.

3. L-atturi jissoktaw jgħidu li fl-4 ta' Settembru, 2004, Antoine Xerri, f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' martu, kien għamel self lill-konvenuti permezz ta' skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu fis-somma ta' Lm14,239.00, flimkien ma' kull imgħax legali li jkun dovut sa ma jitħallas il-bilanċ finali, liema somma l-konvenuti rċevew matul is-sena 2003-2004. L-atturi jsostnu li l-bilanċ dovut naxxenti mill-imsemmija

kostituzzjoni ta’ debitu hu ta’ Lm4,306.85, ekwivalenti għal €10,031.

4. L-atturi jfissru li bħala garanzija għas-self, l-attur irreġistra f’ismu l-vetturi imsemmija fir-rikors maħluf, u wiegħed li jittrasferixxi lura lill-konvenut l-istess vetturi meta dan tal-aħħar iħallas l-ammont kollu dovut. Jgħidu li l-konvenut kien diġà ppreżenta ittra uffiċjali li permezz tagħha sejjaħ lill-attur sabiex jittrasferixxi l-istess vetturi. Jissoktaw jgħidu li l-vetturi inkwistjoni baqgħu jintużaw mill-konvenut u minn kumpanija li huwa direttur tagħha, R & R Waste Kleaners Limited, u minn dik tat-tifel tiegħu R & A Waste Services Limited. Jgħidu li dan tal-aħħar għandu bosta ċitazzjonijiet mhux imħallsa, u ta’ dan kellu jagħmel tajjeb f’uħud minnhom l-istess attur.

5. L-atturi jgħidu wkoll li l-konvenuti wettqu xi ħlasijiet lilhom iżda kien għad baqa’ bilanċ mhux imħallas. Jagħlqu billi jgħidu li l-konvenuti huma debituri tagħhom fl-ammont komplessiv ta’ €26,079.00. Huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara lil Antoinette Debono, u Bartolomeo sive Robbie Debono responsabbli għal bilanċ dovut lil Claudine Xerri, u Antoine Xerri;*
>
> *2. Tillikwida dan l-istess bilanċ;*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimati jħallsu dan il-bilanċ;*
>
> *4. Tiddikjara lil Robbie Debono responsabbli sabiex iħallsu ċ-ċitazzjonijiet tat-traffiku tal-vetturi in kwistjoni;*
>
> *5. Tillikwida l-bilanċ dovut;*

*6. tikkundanna lill-intimati jħallsu dan il-bilanċ;*

*Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.«*

6. Il-miżżewġin Debono ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fl-14 ta' Marzu, 2008 li permezz tagħha eċċepew illi:

*«1. Preliminarjament, ir-rikors maħluf promotur huwa null u bla ebda effett a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 156(1) u tal-paragrafi (ċ) u (d) tal-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi qed tintalab dikjarazzjoni li l-konvenuti huma 'responsabbli għal bilanċ dovut' mingħajr ma ġiet mitluba dikjarazzjoni <u>ta' xhiex huwa dovut</u> tal-allegat bilanċ.*

*2. Illi, fil-mertu, fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet attriċi, dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ebda 'bilanċ' mhu dovut mir-rispondenti proprio lill-atturi kif se jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*3. Illi fir-rigward tar-raba' sas-sitt talbiet attriċi, dawn it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi (i) fl-ewwel lok tispetta fuq l-atturi li jġibu prova taċ-ċitazzjoni tat-traffiku illi allegatament huma ħallsu; (ii) fit-tieni lok, kwalsijasi ċitazzjonijiet tat-traffiku huwa responsabbli għalihom il-liċenzjatarju, u ċjoè l-attur Antoine Xerri; (iii) ma tistax issir talba għar-rimbors ta' ħlas ta' ċitazzjonijiet li mhumiex diġà mħallsa; u (iv) f'kull każ tali ċitazzjonijiet ingħataw tort u ħtija tal-attur Antoine Xerri stante r-rifjut tiegħu li jittrasferixxi l-vetturi in kwistjoni f'isem ir-rispondent Bartolomeo sive Robbie Debono u għalhekk għall-konsegwenzi tal-aġir tiegħu għandu jirrispondi l-istess attur Antoine Xerri.*

*4. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.*

*5. Illi r-rispondenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom minn dawn il-proċeduri u mid-dritt tagħhom skont il-liġi sabiex iressqu 'l quddiem il-kontro-talbiet tagħhom.«*

7. Il-konvenuti ressqu wkoll kontrotalba, li permezz tagħha fissru li bejniethom u l-atturi kienu ġew iffirmati diversi skritturi privati li permezz tagħhom huma kkostitwew ruħhom debituri tal-atturi rikonvenzjonati għal flus lilhom somministrati mingħand l-istess atturi. Jgħidu li bħala

garanzija għall-ħlas ta' dan id-dejn, Antoine Xerri żamm f'ismu bosta vetturi proprjetà tagħhom. Jgħidu li minkejja li kull dejn mertu tal-iskritturi ġie mħallas, Antoine Xerri qiegħed jirrifjuta li jittrasferixxi dawn il-vetturi lura f'isimhom. Ikomplu jgħidu li dawn il-vetturi huma vetturi kummerċjali li jintużaw minnhom bħala mezz li bihom huma jaqilgħu l-għixien tagħhom u tal-familja tagħhom.

8. Il-konvenuti rikonvenzjonanti jgħidu li mhux talli Antoine Xerri kien qiegħed jirrifjuta li jdawwar il-vetturi f'isimhom, talli minkejja li ġie msejjaħ permezz ta' bosta ittri interpellatorji u uffiċjali sabiex jagħmel it-trasferimenti, qiegħed jagħmel rapporti malizzjużi dwar l-istess lill-awtoritajiet u lill-klijenti tagħhom sabiex idaħħluhom fl-inwkiet u jtellfilhom l-għixien tagħhom. Jtennu li bl-imġiba tiegħu Antoine Xerri kkawża u qiegħed ikompli jikkawża danni kbar. B'hekk talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja skont il-liġi, tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat Antoine Xerri, okorrendo, jekk meħtieġ, bl-assistenza tal-attriċi rikonvenzjonata martu Claudine Xerri, huwa obbligat sabiex jagħmel dawk l-atti u jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa u neċessarji sabiex idawwar il-liċenzji tal-vetturi li għandhom in-numru ta' reġistrazzjoni 'IBA-665', 'ABH-404', 'HAS-665', 'IBA-398', 'JAF-497' u 'KAT-746' f'isem il-konvenuti rikonvenzjonanti;*
>
> *2. tordna u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat Antoine Xerri, sabiex, okkorrendo, jekk meħtieġ, bl-assistenza tal-attriċi rikonvenzjonata martu Claudine Xerri, huwa obbligat sabiex jagħmel dawk l-atti u jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa u neċessarji sabiex idawwar il-liċenzji tal-vetturi li għandhom in-numru ta' reġistrazzjoni 'IBA-665', 'ABH-404', 'HAS-665', 'IBA-398', 'JAF-497' u 'KAT-746' f'isem il-konvenuti rikonvenzjonanti;*

*3. tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-atturi rikonvenzjonati fl-eventwalità tal-kontumaċja tagħhom jew ta' min minnhom fuq kull att u/jew skrittura u/jew dokument illi jeħtieġ li jiġi ffirmat bl-iskop illi l-liċenzji tal-vetturi li għandhom in-numru ta' reġistrazzjoni 'IBA-665', 'ABH-404', 'HAS-665', 'IBA-398', 'JAF-497' u 'KAT-746' iduru minn fuq isem l-attur rikonvenzjonat Antoine Xerri għal fuq isem il-konvenuti rikonvenzjonanti;*

*4. tiddikjara illi l-atturi rikonvenzjonati, huma jew min minnhom, bl-aġir tagħhom ikkawżaw u qed ikomplu jikkawżaw danni inġenti għad-detriment tal-konvenuti rikonvenzjonanti konuuġi Debono;*

*5. tillikwida d-danni d-danni kollha sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti konjuġi Debono b'konsegwenza tal-aġir tal-atturi rikonvenzjonanti, huma jew min minnhom, okkorrendo bl-opera ta' espert komputista nominandi; u*

*6. tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati, solidalment bejniethom jew huma jew min minnhom, għall-ħlas tad-danni kollha kif likwidati lill-konvenuti rikonvenzjonanti konjuġi Debono.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 30 ta' Jannar, 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru /08 kontra l-atturi rikonvenzjonati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.«*

9. L-atturi rikonvenzjonati ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fil-25 ta' Marzu, 2008 li permezz tagħha eċċepew:

*«1. Illi preliminarjament il-kontro-talba hija nulla u bla effett billi mhux leċita għall-kontro-parti jagħmlu kontro-talba fuq mertu estranju għalkollox għat-talba promotriċi.*

*2. Illi d-debitu msemmi fil-kontro-talba għadu ma ġiex saldat.*

*3. Illi l-vetturi inkwistjoni huma proprjetà tal-esponenti iżda effettivament dawn jinsabu fil-pussess u operati mill-konvenuti.*

*4. Illi l-obbligazzjoni sabiex l-istess vetturi jiġu trasferiti lill-kontro-parti ma tistax titwettaq minħabba divjet legali.*

*Bl-ispejjeż.«*

10. B'sentenza finali mogħtija nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«15.1. Illi takkolji l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament għal bilanċ fl-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu datata l-4 ta' Settembru, 2004, oltre l-interessi dovuti, u konsegwentement:*

*15.1.1. Tiddikjara lill-intimati biex iħallsu lir-rikorrenti l-bilanċ riżultanti mill-kostituzzjoni ta' debitu datata l-4 ta' Settembru, 2004, flimkien mal-interessi dovuti mill-preżentata tar-rikors ġuramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament;*

*15.1.2. Tillikwida l-bilanċ riferit fil-paragrafu preċedenti fl-ammont ta' tlett elef, ħames mija u ħdax-il Ewro u għaxar ċenteżmi, (€3,511.10), oltre l-imgħaxijiet dovuti fuq l-istess ammont mill-10 t'Ottubru, 2004, sad-data tal-effettiv pagament;*

*15.1.3. Tikkundanna lill-intimati biex iħallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu preċedenti lir-rikorrenti;*
*15.1.4. Tiddikjara wkoll lill-intimati huma responsabbli biex iħallsu lir-rikorrenti c-ċitazzjonijiet tat-traffiku mħallsa mir-rikorrenti fil-konfront tal-vetturi in diżamina;*

*15.1.5. Tillikwida l-ammont ta' ċitazzjonijiet hekk imħallsa fl-ammont ta' elf erba' mija u disa' ewro u ħames ċenteżmi, (€1,409.05), u dan, mid-data tar-rikors ġuramentat promotur, it-22 ta' Frar, 2008;*

*15.1.6. Tikkundanna wkoll lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat f'ċitazzjonijiet imħallsa;*

*Ikkunsidrat:*

*16.0. Illi fir-rigward tal-kontro-talba ppreżentata mill-intimati rikonvenzjonanti, jingħad is-segwenti:*

*DECIDE:*

*16.1. Illi l-ewwel talba rikonvenzjonanti qed tiġi respinta;*

*16.2. Illi t-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonanti qed jiġu milqugħa limitatament għal żewġ (2) vetturi, senjatament dawk bin-numri ta' reġistrazzjoni IBA – 664 u KAT – 746, u tordna li t-trasferiment tal-liċenzja tagħhom isir biss meta l-intimati jħallsu l-bilanċ minnhom dovut lir-rikorrenti;*

*16.3. Illi r-raba', l-ħames u s-sitt talbiet rikonvenzjonanti qed jiġu respinti;*

*17. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-istess intimati.«*

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma

dawn:

*«Ikkunsidrat:*

*12.0. Illi l-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament esposti bil-mod segwenti:*

*12.1. Illi r-rikorrenti jsostnu li għandhom jieħdu s-segwenti somom mingħand l-intimati:*

*12.1.1. €16,048.31 għall-pagament li huma għamlu għall-intimati lil Burmarrad Commercials Limited, (ara foll 5 u 76); 7*

*12.1.2. €10,031.00 bilanċ lilhom dovut mill-intimati wara l-kostituzzjoni ta' debitu, (ara foll 6), u wara diversi pagamenti ta' ċitazzjonijiet fuq vetturi li kienu f'isem ir-rikorrenti bħala garanzija tal-pagament, liema vetturi baqgħu fil-pussess tal-intimati;*

*12.2. Illi l-intimati jirribattu li d-dejn tagħhom favur ir-rikorrenti kien biss dak konċernanti s-soċjetà Burmarrad Commercials Limited, liema dejn tħallas kollu, (ara foll 106 u 191(a));*

*Ikkunsidrat:*

*13.0. Illi in vista tar-relazzjoni peritali ppreżentata fir-rigward jingħad sintetikament is-segwenti:*

*13.1. Illi fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, jingħad li l-piż tal- prova fir-rigward hi fuq ir-rikorrenti;*

*13.2. Illi fil-kamp ċivili l-grad tal-prova rikjest hu dak li r-riżultanzi jkunu suffiċjenti li jnisslu ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant liema ċertezza tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet, (ara* ***Caruana vs. Laurenti, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili****, datata t-****8 t'April, 1994; Borg vs. Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili****, datata iz-****17 ta' Lulju, 1981; Vassallo vs. Pace, Vol. LXX. II. 144****; u* ***Zammit vs. Petrocchino, Appell Kummerċjali,*** *datata l-****25 ta' Frar, 1952;***

*13.3. Illi kif irriteniet il-****Qorti tal-Appell, (Sede Inferjuri****) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Emanuel Ciantar vs. David Curmi nomine****, datata t-28 t'April, 2004:*

*"Fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawża ċivili, d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke sintendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika;*

*"Huwa ben magħruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitti,*

> *kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi, għandhom iħallu lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom, ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo";*

*13.4. Illi għalhekk hu paċifiku li fil-kamp ċivili il-kriterju li fuqu tistabbilixxi l-konkretezza tal-prova mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni fornita lilu, iżda jekk tali spjegazzjoni hix waħda verosimili;*

*13.5. Illi għalhekk hu suffiċjenti f'dan il-kamp li l-ġudikant jistrieħ fuq bilanċ ta' probabilità - kriterju ferm differenti minn dak utilizzat fil-kamp kriminali fejn il-ħtija t'imputat trid tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli;*

*13.6. Illi kif affermat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Maria Stella Borg vs. Joseph Cassar et, datata l-25 t'April, 2002:*

> *"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli"*

*Ikkunsidrat:*

*14. Illi tenut kont tas-suespost, tagħmel referenza għar-relazzjoni peritali tal-abbli perit legali u stante jirriżulta li l-istess perit legali għamlet apprezzament ġust tal-provi imressqa quddiemha, tiddikjara li tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-istess u stante li m'għandha xejn x'tiċċensura fir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni u dilungar inutili, tiddikjara li qed tagħmel tagħha r-ratio decidendi hemm epurat flimkien mal- konklużjonijiet li l-istess abbli periti legali wasslet għalihom;«*

12. L-atturi appellaw minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fit-8 ta' Novembru, 2018 fejn filwaqt li jikkummentaw li ma hemm ebda motivazzjoni fis-sentenza appellata li in forza tagħha nħass li kellha tiġi respinta l-kritika magħmula minnhom għar-relazzjoni peritali, ressqu għalhekk aggravju waħdieni li sar għarbiel ħażin tal-provi.

13. Il-konvenuti wieġbu għall-appell permezz ta’ risposta mressqa fil-5 ta’ Diċembru, 2016 u taw ir-raġunijiet għala l-appell kellu jiġi miċħud.

14. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fis-6 ta’ Frar, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Jibda billi jingħad li ma sar ebda appell min-naħa tal-konvenuti għaċ-ċaħda tal-maġġiorparti tal-kontrotalba tagħhom. Barra minn hekk, l-atturi ma appellawx minn dik il-parti tas-sentenza li laqgħet it-talbiet tal-konvenuti għat-trasferiment ta’ żewġ vetturi minn fuq isem l-attur għal fuq isem il-konvenut.

16. Illi fil-qofol tiegħu, l-aggravju waħdieni tal-atturi huwa li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-ammont ta’ Lm6,890 li huma ħallsu lill-kumpanija Burmarrad Commercials Limited kien inkluż fil-kostituzzjoni ta’ debitu mhiex waħda tajba. Jgħidu li l-prova tal-ħlas lill-kumpanija Burmarrad Commercials Limited min-naħa tagħhom saret u saret ukoll il-prova tad-debitu li ġie kostitwit bl-iskrittura fl-4 ta’ Settembru, 2004. Jissoktaw jgħidu li għalkemm il-konvenuti fil-kontrotalba tagħhom isemmu li ġew iffirmati diversi skritturi bejn il-partijiet li permezz tagħhom huma kkostitwew ruħhom debituri, għajr għall-prova tal-iskrittura tal-4 ta’ Settembru, 2004

ma nġiebet l-ebda prova ta' xi skrittura oħra bejn il-partijiet.

17. L-appellanti jissoktaw jgħidu li fl-affidavit tiegħu, il-konvenut Debono jixhed li huwa jaf lil Antoine Xerri peress li kien sellfu xi flus u ta' dan kienu anke ffirmaw xi karti iżda kemm eżatt ma jafx. Jgħid ukoll li kien għamel diversi pagamenti, però ma jafx kemm ħallas lura. Meta l-konvenut intalab biex jissostanzja x'ħallas lura huwa baqa' sajjem milli jressaq provi tajba ta' ħlas lura kif kien jinkombi fuqu legalment. Jgħidu li għalkemm l-Ewwel Qorti rreferiet għall-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili, hija naqset milli tikkonsidra li huwa obbligu ċar li min jallega l-ħlas ta' debitu għandu jressaq provi serji, preċiżi u konkordanti ta' dak il-ħlas. Madankollu, l-appellati ħadu l-atteġġjament kuntrarju u legalment inaċċettabbli li minflok jagħtu prova tal-ħlasijiet li saru min-naħa tagħhom iħallu l-affarijiet fi stat inċert mhux lanqas bit-taħlit tagħhom tal-ħlas li kien sar lil Burmarrad Commercials Limited mal-kostituzzjoni ta' debitu magħmula fl-4 ta' Settembru, 2004.

18. L-appellanti jkomplu billi jirreferu għar-rendikont ippreżentat mill-konvenut mal-affidavit tiegħu sabiex juri l-ħlasijiet li radd lura mis-somma oriġinali riżultanti mill-kostituzzjoni ta' debitu. Madankollu l-appellanti jsostnu li l-konvenuti ma ressqux provi sabiex isaħħu b'dokumentazzjoni dan il-ħlas li qegħdin jgħidu li ħallsu. Għalhekk jsostnu kif jista' jkun li l-konvenut jittieħed bis-serjetà meta jgħid li l-ħlas lil Burmarrad

Commercials Limited kien inkluż fil-kostituzzjoni tad-debitu, aktar u aktar meta xehed li kemm issellef eżatt ma jafx. Jirreferu wkoll għax-xhieda tal-Avukat David Farrugia Sacco li għen biex saret l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu minn liema jirriżulta li l-attur ma kellu l-ebda raġuni għaliex jikkonfondi dwar il-ħlas lil Burmarrad Commercials Limited billi kien hemm provi dokumentarji konsistenti f'*banker's draft* u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa ta' ebda skrittura privata. Min-naħa l-oħra kellu għaliex jikkonfondi dwar self ieħor li ma kienx dokumentat u ma jkunx jista' jiġi ppruvat. Għalhekk f'dan l-isfond kollu ma jistax jiġi spjegat kif il-perit legali setgħet tikkonkludi li fil-fehma tagħha l-atturi ma ppruvawx li l-ħlas lil Burmarrad Commercials Limited kien jifforma parti mis-somma li ġiet kostitwita bħala debitu fl-4 ta' Settembru, 2004.

19. Ikun ta' siwi li ssir referenza għal xhieda u provi li jirriżultaw mill-atti u li huma ta' rilevanza għall-istħarriġ ta' dan l-appell:

- Il-partijiet fil-kawża kien ilhom jafu lil xulxin, anke għaliex ħu l-konvenut huwa miżżewweġ lil oħt l-attur.

- F'xi żmien l-attur u l-konvenut ftehmu li l-attur jidħol fin-negozju mal-konvenut u jibdew jaħdmu flimkien peress li l-konvenut kellu l-esperjenza u l-attur kellu l-flus. L-attur jixhed li kien sar jaf li l-konvenut kellu xi diffikultajiet finanzjarji u huwa beda jsellfu l-flus, iżda kien jaf li ġej

minn familja soda u għalhekk minflok joqgħod issellfu ddeċieda li jieħu dan il-pass. Infatti fl-14 ta' Ottubru, 2003 irreġistraw kumpanija flimkien bl-isem Water & Waste Services Limited (C 32242) għalkemm fil-fatt kien it-tifel ta' Debono li tniżżel fil-Memorandum & Articles of Association.

- Ix-xogħol ewlieni ta' Debono kien jikkonsisti fis-servizz ta' ndafa pubblika fl-irħula, liema xogħol kien jingħata lilu bl-għoti ta' tender.

- Feġġew diversi problemi, fosthom li kien hemm anke dejn mingħand min Debono kien xtara xi vetturi.

- L-attur jixhed li fl-20 ta' Frar, 2004 huwa ħallas bilanċ dovut mill-konvenut Debono lil Burmarrad Commercials Limited fis-somma ta' Lm6,815.42, u pagament ta' Lm74.58, komplessivament ammontanti għal Lm6,890.00. Din is-somma hija ekwivalenti għal €16,048. Il-konvenut Debono talbu li jingħata żmien tliet snin (sad-19 ta' Frar, 2007) biex irodd dan l-ammont.

- L-attur jixhed li meta matul dik l-istess sena kien investa ħafna flus u qatt ma jidħol xejn u kien hemm nies li bdew imorru għandu biex iħallas fosthom Mike Service Station Limited u d-Dipartiment tal-VAT, minbarra Regina Auto Dealer u Burmarrad Commercials.

- B'hekk l-attur iddeċieda li ried iħares l-interessi tiegħu u ġiet iffirmata l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu għas-somma ta' Lm14,239.00, flimkien ma' kull imgħax legali li jkun dovut sa ma jitħallas il-bilanċ finali, liema somma l-konvenuti rċevew matul is-sena 2003-2004. L-atturi jsostnu li l-bilanċ dovut naxxenti mill-imsemmija kostituzzjoni ta' debitu hu ta' Lm4,306.85, ekwivalenti għal €10,031. Bħala garanzija għal dan is-self l-attur irreġistra f'ismu bosta vetturi tal-konvenut u wiegħed li jittrasferixxi lura l-istess vetturi fuq isem il-konvenut kif jitħallas lura. Dawn il-vetturi baqgħu jintużaw minn Debono għalih u għall-kumpanija tiegħu u anke minn kumpanija ta' ibnu. Dan tal-aħħar għandu bosta ċitazzjonijiet tat-traffiku li ma ħallasx u kellu jħallashom l-attur. Dwar dan il-punt iżda l-Qorti mhux se tinoltra aktar ruħha billi l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenuti jħallsu ta' dawn iċ-ċitazzjonijiet lill-atturi u ma sarx appell min-naħa tal-konvenuti.

- L-attur Antoine Xerri jinsisti li s-somma tal-flus li huwa ħallas lil Burmarrad Commercials Limited ma kinitx inkluża fl-ammont imniżżel fil-kostituzzjoni ta' debitu. B'żieda ma' dan jgħid li l-konvenut ma ħallsu xejn minn dan l-ammont.

- Il-konvenut jammetti li l-attur kien sellfu xi flus u li ffirmaw xi karti iżda ma jiftakarx kemm però jaf li kien għall-ħabta tas-snin 2003 u 2004. Xehed li wettaq diversi ħlasijiet fosthom b'ċekkijiet personali, flus kontanti

u drabi oħra tħallas dak li huwa kellu jirċievi għal xogħol li jkun għamel lill-kunsilli lokali. Jgħid li d-dejn tħallas kollu.

20. Din il-Qorti tqis fl-ewwel lok, li mill-provi mressqa m'hemmx dubju li l-attur ħallas lil Burmarrad Commercials Limited nhar l-20 ta' Frar, 2004 permezz ta' Bank Draft fl-ammont ta' Lm6,815.42 (ara paġna 5 tal-proċess) u ħallas ukoll l-ammont ta' Lm74.58. F'dik l-istess ġurnata Burmarrad Commercials Limited ħarġet irċevuta fuq isem Robbie Debono li tħallas mingħandu l-ammont ta' Lm6,890 permezz ta' *Bank draft*. Ix-xhud Mario Gauci, direttur ta' Burmarrad Commercials Limited, xehed (ara paġna 52 tal-proċess) li fl-20 ta' Frar, 2004 (ara Dok A f'paġna 4 tal-proċess) ġiet iffirmata skrittura privata bejn Burmarrad Commercials Limited u Robbie Debono fejn dan tal-aħħar iddikjara li kien debitur tal-kumpanija għas-somma ta' Lm6,890, liema ammont kien kopert b'diversi kambjali. Ġie dikjarat li huwa kien qiegħed iħallas l-ammont dikjarat u li ġew ritornati l-kambjali kollha lilu. Ġie dikjarat ukoll li ma kienx fadal pendenzi bejniethom u ngħatat kwittanza reċiproka. Mario Gauci fisser li għalkemm Antoine Xerri mhux firmatarju fuq din l-iskrittura, huwa għaraf lil Antoine Xerri li kien mar għandu mal-konvenut u qallu li l-flus se joħroġhom huwa kif fil-fatt għamel. Xerri kien anke preżenti meta ġiet iffirmata l-iskrittura. Fuq kollox, il-konvenut lanqas ma ċaħad dan.

21. Biss però, il-fatt li ġie ppruvat li m'hemmx dubju li l-attur ħallas lil

Burmarrad Commercials Limited għal dejn li kellu Robbie Debono ma jfissirx li b'hekk l-ewwel talba tal-atturi li dan l-ammont kien apparti u eskluż mill-kostituzzjoni ta' debitu tal-4 ta' Settembru, 2004 hija ppruvata.

22. Dwar dan il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet konfliġġenti. L-attur jixhed li l-ammont inkwistjoni ma kienx inkluż fil-kostituzzjoni ta' debitu. Ir-raġunijiet li jressaq huwa huma (i) illi kien ftiehem ma' Debono, fuq talba ta' dan l-aħħar, li d-dejn kellu jitħallas sad-19 ta' Frar, 2007; u (ii) kellu moħħu mistrieħ li kellu prova ta' dan id-dejn minħabba l-*bank draft*. Il-konvenut, fuq ix-xaqliba l-oħra, filli jgħid li ma jiftakarx eżatt kemm issellef mingħand l-attur u filli jgħid li dejn kien hemm biss dak imsemmi fl-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu li saret bejniethom u ma kienx hemm dejn dwar ħlas lil Burmarrad Commercials Limited. Jisħaq li huwa m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex ħallsu kollox f'daqqa u għandu bil-miktub, għalkemm tali prova ma tressqitx.

23. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li mhux kull kunflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew biex tistrieħ fuq il-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitur* (***Ara Stephen Tanti et v. Louis Scerri Montaldo et.*** deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2020). F'każijiet bħal dawn, huwa sewwasew xogħol il-Qorti li tqis liema waħda mill-verżjonijiet li tkun ingħatat hija l-aktar waħda li titwemmen u li tista' toqgħod fuqha (Ara ***L-***

***Avukat Dottor Richard Bernard noe. v. Luma Holding Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-4 ta' Novembru, 2022, u kkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023). Tabilħaqq, huwa mifhum li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex, mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk l-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment ħieles tiegħu (Ara ***Joginder Singh Dhingsa v. Anthony Grech et*** deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023). Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xiehda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħrajn. (Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Estate Catering Houseware Enterprises Limited v. Sergio Manche et***).

24. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Lorraine Pace Bonello pro et noe et v. Carmelo sive Charles Micallef et*** li: *«Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċjoè: (i) li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u (ii) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Maria Xuereb et v. Clement Gauci et****, deċiża fl-24 ta'*

*Marzu 2004).«*

25. Illi l-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu ġiet redatta mill-Avukat Dr David Farrugia Sacco, li filwaqt li kkonferma l-istess skrittura u kkonferma li kien jaf li l-attur ħallas lil Burmarrad Commercials Limited għal Robbie Debono, iżda ma setax jiftakar jekk dak l-ammont kienx inkluż fl-ammont imsemmi fil-kostituzzjoni ta' debitu.

26. Jirriżulta li l-prospett esibit bħala Dok C (f'paġna 7 tal-proċess) imħejji minn Darryl Portelli jirreferi għal self u ħlasijiet li rċieva l-attur. Għalkemm l-attur jgħid li l-konvenut ma ressaqx dokumentazzjoni dwar il-ħlasijiet li għamel, bħala fatt uħud mill-ħlasijiet ġew ippruvati mill-istess attur bir-rendikont innifsu billi hemm indikazzjoni ta' ħlasijiet li l-konvenut għaddielu u b'liema mezz. L-ammonti li fadal jitħallsu mill-konvenut ġew ikkwantifikati mill-Perit Legali u l-Ewwel Qorti qablet mal-kalkolu magħmul. F'dan ir-rendikont m'hemmx l-ammont imħallas lill-Burmarrad Commercials Limited, iżda dan xorta waħda mhux ta' fejda għall-atturi.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni t-tajba meta qagħdet fuq l-għarbiel imwettaq mill-Perit Legali u dan għar-raġunijiet li se jissemmew.

28. Jeħtieġ li l-azzjoni attriċi tiġi inkwadrata fid-dawl ta' żewġ prinċipji ewlenin. L-ewwel prinċipju huwa dak ta' *pacta sunt servanda*, jiġifieri li l-ftehim bejn il-partijiet jikkostitwixxi liġi, li jinsab rifless fl-**Artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Dan il-prinċipju huwa marbut ukoll mat-tieni prinċipju ta' *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non feritur,* li bil-Malti jfisser li dak li jirriżulta miftiehem bil-miktub, ma jistax jitwaqqa' bi prova li tingħata bil-fomm, sabiex tikkontradixxi lil dak li jirriżulta bil-miktub. Għalhekk jekk il-kontraenti jirrikorru għall-miktub, ma jkunux jistgħu jippruvaw permezz ta' xhieda, dak li ma jirriżultax mill-istess kitba. Rilevanti f'dan is-sens huwa **l-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi li fejn il-kliem ta' att meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, m'hemmx lok ta' interpretazzjoni.

29. Huwa biss f'każ fejn jinħoloq dubju dwar is-sens mogħti lill-konvenzjoni li l-ġudikant għandu b'mod oġġettiv, jislet l-intenzjoni tal-partijiet skont kif riflessa fl-att inkwistjoni. Għalhekk, fejn il-kontenut tal-konvenzjoni jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim, kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volontà tal-kontraenti, ma jkunx leċitu għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura tifsira differenti, minn dak liberament espress mill-kontraenti, għaliex il-prinċipju tad-dritt huwa: *in claris non fit interpretatio* (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Rosario Cortis v. Angelo Farrugia et***).

30. B'żieda ma' dan, fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, mhux l-interpretazzjoni tal-partijiet għall-kliem tal-ftehim, jew is-sens differenti li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri, li jridu jiġu kkunsidrati dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu (ara f'dan is-sens, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar, 2002, fl-ismijiet ***Nazzareno Vella noe et v. Joseph Abela noe et***).

31. Hekk ukoll ġie mtenni fis-sentenza ta' din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet ***Gemma Fenech v. John Bugeja*** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003, fejn ingħad illi: *«Tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi hu paċifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-diċitura tal-kuntratt tkun waħda ċara allura mhuwiex leċitu għall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindaħal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim.»*

32. Meta dawn il-prinċipji jitħaddmu għall-każ tagħna, insibu li fil-kostituzzjoni ta' debitu tal-4 ta' Settembru, 2004 (ara Dok B f'paġna 6 tal-proċess) ġie maqbul hekk:

> *«In virtù ta' din l-iskrittura, Robbie u Antoinette Debono qeg]din jikkostitwixxu ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri versu Antoine u*

*Claudine Xerri fis-somma ta' erbatax-il elf mitejn u disa' u tletin Lira (Lm14,239) liema somma jiddikjaraw li ġia rċevew mingħand Antoine u Claudine Xerri matul is-sena 2003 -2004.*

*Antoine Xerri jiddikjara li huwa sejjer jittrasferixxi l-vetturi IBA 665, ABH 404, HAS 665, IBE 398, JAF 497 U KAT 746 f'isem Robbie Debono kif l-imsemmi Robbie Debono iħallas lil Antoine u Claudine Xerri.*

*Kull somma ta' flus li hija dovuta tkun trid titħallas flimkien mal-imgħax. Kull imgħax jitħallas skont ir-rata kummerċjali kif maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta, kull sena.*

*Kwalunkwe skrittura li saret qabel il-ġurnata tallum qiegħda tiġi revokata bl-iskrittura preżenti.«*

33. Il-ħlas lil Burmarrad Commercials Limited sar fi Frar tas-sena 2024. Dan il-ħlas ma jissemmiex fl-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, la li kien inkluż u lanqas li kien qiegħed jiġi eskluż. Fuq kollox, il-partijiet qablu li s-somma msemmija kienet tirrappreżenta flus mislufa matul is-sena 2003 – 2004, mingħajr ebda dettalji ta' kif u meta għaddew il-flejjes.

34. Jiġi b'hekk li ladarba l-ħlas lil Burmarrad Commercials Limited sar proprju fi Frar, 2004 żgur li ma jistax jingħad li kien eskluż mill-ammont imsemmi fl-iskrittura ta' Settembru, 2004. Anzi jaqa' proprju fiż-żminijiet li l-iskrittura tagħmel referenza għalihom. Fil-fehma tal-Qorti l-iskrittura hija ċara billi tirreferi għas-self li sar matul is-sena 2003-2004.

35. Il-konvenuti għandhom ukoll raġun meta jirreferu għall-ittra li l-attur bagħat permezz tal-avukat tiegħu fid-29 ta' Mejju, 2006 (Ara Dok A1 f'paġna 107 tal-proċess) kif ukoll ir-rendikont mehmuż magħha (ara

paġna 108 tal-proċess) li kienet taqra hekk:

> *«Qiegħed niktibkilkom f'isem Antoine u Claudine Xerri ta' 30, Triq Pinto, Qormi, b'riferenza għall-iskrittura datata 4 ta' Settembru, 2004 fejn intom kostitwejtu ruħkom bħala debituri veri, ċerti u likwidi versu l-klijenti tiegħi fis-somma ta' erbatax-il elf mitejn u disa' u tletin lira Maltin (Lm14,239) u għall-ittra tagħkom mibgħuta permezz tal-Avukat Dr Chris Cilia tat-23 ta' Marzu 2006.*
>
> *F'dan ir-rigward filwaqt illi l-klijenti tiegħi jirrespinġu bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, il-pretensjonijiet tagħkom ndikati fl-imsemmija ittra, ninsab infurmat mill-istess illi wara l-pagamenti minnkom effettwati għad fadal il-bilanċ ta' elfejn sitt mija u tmienja u sebgħin lira Maltin u erba' u sittin ċenteżmu (Lm2,678.64) xi jitħallas, rappresentanti in kwantu għal elf tmien mija u tlieta u erbgħin lira Maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm1.843.53) il-bilanċ fuq is-somma kapitali u tmien mija u ħamsa u tletin lira Maltin u ħdax-il ċenteżmu (Lm835.11), interessi.*
>
> *Permezz ta' din l-ittra navżakom illi jekk ma tersqux għal ħlas tas-somma hawn fuq imsemmija fi żmien tlett ijiem mill-llum, il-klijenti tiegħi sejrin jipproċedu billi jieħdu l-proċeduri opportuni legali kontrikom, inkluż il-ħruġ tal-mandati relattivi, u dan mingħajr preavviż ieħor.«*

36. L-attur jgħid li ħalla f'idejn l-avukat sabiex kiteb din l-ittra, iżda din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-avukat mexa fuq l-informazzjoni li tah il-klijent. Huwa ferm inverosimili li l-konvenut li skont l-attur għadu ma ħallas xejn mill-ammont imħallas lil Burmarrad Commercials u ma semma xejn f'din l-ittra. Fl-aħħar mill-aħħar id-19 ta' Frar, 2007 (id-data sa meta kellu jsir il-ħlas skont l-attur) kien qiegħed iqarreb.

37. Għalhekk dan l-aggravju mhux mistħoqq.

38. Fl-aħħarnett, il-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-imgħax kellu jitlaq mid-data tal-10 ta' Ottubru, 2004, minkejja li dan ma kienx dejn kummerċjali iżda kien self bejn familjari u lanqas kien dejn li

kien ċert iżda kien jeħtieġ li jiġi likwidat. Talbu għalhekk lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-imgħaxijiet jitilqu mid-data tas-sentenza definittiva. Madankollu, din il-Qorti hija prekluża milli tqis din is-sottomissjoni billi l-konvenuti ma ressqu ebda appell inċidentali dwar din il-kwistjoni.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti filwaqt li **tiċħad** l-appell tal-miżżewġin Antoine u Claudine Xerri u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jinġarru mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da